MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2008

Numru. 323/2001

Il-Pulizija
(Sup Alexandra Mamo)
vs
Lawrence Farrugia, iben Joseph, imwieled Pieta' fil-21 ta' mejju, 1962

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat talli f'dawn il-Gżejjer, f'dawn l-aħħar snin, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda:

a. talli fil-perjodu ta' bejn jannar, 1989 u novembru, 1995, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda, u cioe' f'Bormla kkometta serq ta' somma ta' flus ta' aktar minn Lm10,000 mill-fond ta' Attard Gialanze Jewellers u l-London Clock Waltz Centre, liema

fond jappartjeni lil Antonia Attard Gialanze, liema serq hu kkwalifikat bil-valur li jeċċedi l-Lm1,000, bil-lok, bil-ħin, bil-persuna u li sar għad-dannu ta' Antonia Attard Gialanze;
b. xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat, jew xjentement b'kull mod li jkun indaħal biex imexxuhom jew ibiegħhom.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tal-25 ta' novembru, 2002 fejn iddikjara li wara li ra l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat u billi jidhirlu li tista' tinsab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub –
Fl-artikoli 18, 261(ċ)(d)(e)(f), 267, 268, 269, 270, 279(b), 280, 31(i)(b)(iii), 334, 20, 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali; bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta' din il-ħtija jew ħtijiet barra kull ċirkostanża oħra.

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta' ġunju, 2003 fejn l-imputat ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi nkluża x-xhieda ta' l-imputat bil-ġurament.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat.

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-imputat għamel diversi snin jaħdem mal-familja Attard Gialanze. Hu beda meta kien tifel ta' erbatax il-sena u meta sar magorenni beda jaħdem aml-familja 'full time'. Dak iż-żmien hu kien jagħmilha ta' fattiga iżda maż-żmien beda jaħdem ukoll f'wieħed miż-żewġ ħwienet tad-deheb li kellhom.

Illi mill-provi prodotti min-naħa tal-prosekuzzjoni jirrizulta li l-imputat qatt ma seraq mingħand il-parte ċivile. Dak li jirrizulta hu li Antonia Attard Gialanze li l-imputat kien jaf minn meta kienet żgħira kellha tifla li jisimha Mariella. Skond Mariella l-imputat kien jitlobha biex hi tieħu l-flus mill-kexxun tal-ħanut u hi kienet tikkonsenja l-flus lilu. Mitluba għaliex kienet tagħmel hekk hi xehdet li l-imputat kien igħdilha li hu u ommu ma kellhomx flus biex jieklu.

Għalhekk, hi kienet tħenn għalih u tagħtih dawn il-flus. F'dan il-perjodu Mariellla kellha madwar sitt snin u skond Mariella din il-biċċa tax-xogħol baqgħet għaddejja għal diversi snin. hi xehdet li kienet ittih is-somma ta' ħamsin liri maltin (Lm50) kull jum għal diversi snin.

Illi dak kollu spiċċa għaliex darba minnhom it-tifla riedet 'pram' bil-pupa u l-imputat ma xtraliex dawn l-oġġetti u għalhekk waqfet ittih dawn il-flus. Il-ħaġa kurjuża li Mariella rrakontat din l-istorja lil ommha wara żmien twil.

Illi ħaġa oħra kurjuża hi li Antonia Attard Gialanze għamlet rapport lill-pulizija fis-sena elfejn ħames snin wara li allegatament Mariella tat l-aħħar flus lill-imputat.

Illi ma ġie eżebit ebda dokument li jista' jitfa dwal fuq il-fatt jekk realment Antonia Attard Gialanze ġiet misruqa dawn il-flus. La Income Tax Return, la accounts, xejn.

Illi l-imputat ċaħad li hu qatt ħa xi flus mingħand din il-familja. Hu xehed li veru li kien jieħu lil Mariella tixtri dak li trid iżda l-flus kienet jew teħodhom it-tifla jew l-omm kienet tagħti l-flus lil bintha.

Illi dan il-każ hu bazat biss fuq ix-xhieda ta' Mariella Attard Gialanze li kellha tiġi korroborata mid-dokumenti tan-negozju ta' ommha. Fil-fatt ommha xehdet li dawn id-dokumenti ntilfu kollha minħabba 'flodding' li kien hemm fid-dar u fil-ħanut.

Fuq l-iskorta ta' dawn il-provi din il-Qorti ma tistax jasal għal ġudizzju seren u skond il-liġi. Kundanna fuq l-iskorta ta' dawn il-provi tkun waħda perikoluża.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah minn dawn l-akkużi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------